29 ta' Jannar, 1955

**Imħallef:**
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Angelo Agius

**Traffiku — Polza tas-Sikurtà — "Third Party Risks" — Ġarr ta' Passiġġieri bi Pjaċir u għall-Passatemp**

*Il-kliem "use for social, domestic and pleasure purposes" f'polza ta' sikurtà għar-riskji ta' terzi persuni tiġi nterpretata fis-sens li tippermetti l-użu tal-vettura għal dawk l-i-kopiiiet mhux biss riferibbilment għall-"assured", imma wkoll għal persuni oħra, basta bil-kunsens tal-"assured", jew ta' dak li jkun qiegħed isuq bil-permess tal-"assured", fit-termini tal-polza.*

*Għaldaqstant min ikun isuq truck u jgħabbi nies bla ħlas, u għal skop soċjali u ta' passatemp, bil-kunsens tal-"assured" jew ta' dak li jkun qiegħed isuq bil-kunsens tiegħu skond il-polza, ma jirrendix ruħu ħati ta' użu tat-truck bit-"third party risks policy" mhux skond il-liġi.*

Dan hu każ li fih, f'dawn it-tliet kawżi, trattati kontestwalment, tista' tingħata sentenza waħda, salv li titqiegħed kopja ta' din is-sentenza f'kull wieħed mill-proċessi; u dan skond il-prattika sanċita mill-ġurisprudenza f'każijiet simili (ara "Pulizija vs. Pawlu Dimech" u "vs. Manwel Muscat," 9 ta' Marzu 1940 — App. Krim.);

Kull wieħed minn dawn it-tliet imputati ġew imressqin quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondu għall-imputazzjoni talli l-Mellieħa, fit-8 ta' Settembru 1954, u għal xi nofs il-lejl u erbgħejn minuta, ġarrew passiġġieri fit-truck tagħhom, u għamlu użu mill-istess truck bit-"third party risks policy" mhux skond il-liġi;

Kull wieħed minnhom ġie kundannat għall-multa ta' £5 b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Novembru 1954, u

ġiet inflitta lilu l-iskwalifika milli jkollu jew jottjeni liċenzi għas-sewqan għal żmien tnax il-xahar;

L-imputati appellaw;

Trattat l-appell tagħhom, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher li l-appellanti, wara li spiċċat il-festa tal-Vittorja, u spiċċa l-"giuoco di fuoco" fil-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u kien għadda nofs il-lejl, meta ma tantx kien possibbli li wieħed isib mezz ta' trasport publiku, wasslu lil xi uħud minn nieshom stess u xi ħbieb tagħhom, bla ħlas, bi pjaċir, sal-irziezet tagħhom;

L-imputazzjonijiet huma tnejn: — Waħda, li ġarrew passiġġieri; u l-oħra, li b'daqshekk tilfu l-"cover" tal-"policy", u ġew qiesu qegħedin isuqu bla sikurtà;

L-ewwel imputazzjoni hi pruvata; għax, skond ir-reġ. 115, f'"goods vehicles" ma jistgħux jinġarru passiġġieri, ħlief (a) wieħed ħdejn id-driver, (b) dawk li jkunu qegħedin jieħdu ħsieb il-merkanzija, jew ikunu sejrin jgħabbu jew iħottu, u (c) oħrajn, iżda b'permess speċjali tal-Pulizija, li fil-fattispeċje ma kienx hemm. Il-liġi ma tiddistingwix jekk il-passiġġieri jinġarrux bi ħlas jew le, għall-finijiet ta' din il-kontravvenzjoni;

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, kollox jiddependi jekk b'dan il-fatt ġiebux il-vetturi tagħhom "outside the cover of the policy";

Issa, mill-poloz eżibiti jirriżulta li, fost l-użi permessi mill-"policy" hemm anki dak hekk konċepit:— "Use for social, domestic and pleasure purposes";

Din il-klawsola ġiet awtorevolment interpretata bħala li tfisser għal "social, domestic or pleasure purposes of anyone", mhux biss tal-"insured"; basta bil-kunsens tal-assured", jew ta' dak li jkun qiegħed isuq bil-permess tal-"assured" "within the terms of the policy" (Shawcross, Motor Insurance, 1949 edition, p. 571);

F'dan il-każ, dawn il-passiġġieri ma kienux fit-truck "for hire or reward", iżda b'xejn, u kienu hemm minħabba skop soċjali jew ta' passatemp ("pleasure"); u dippju' kien hemm il-kunsens tal-"assured", jew ta' dak li kien qiegħed isuq bil-kunsens tiegħu, skond il-"policy";

Għalhekk l-appellanti ma tilfux il-"cover" tal-"policy";

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-appell fissens li ssib l-appellanti ħatjin biss *talli ġarrew* passiġġieri f'"goods vehicle", u teskludi l-imputazzjoni l-oħra dwar innuqqas ta' sikurtà; u wara li rat l-art. 17 (1) tal-Kap. 105 Ediz. Riv. u r-reg. 115 G.N. 24 tal-1948, tikkundanna kull wieħed minnhom *għall-piena tal-ammenda* ta' 10s., u tneħħi kull piena u kundanna oħra lilhom inflitta. U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell u rriformat is-sentenza appellata;

Kwantu għall-appellant Anġlu Agius, *il-Qorti* ma hix sejra tordna ebda provvediment kontra tiegħu, għax iżżewġ kuntistabblijiet xehdu li huma ma għaddewx kull wieħed mill-passiġġieri, iżda qalu n-numru b'kalkolu biss, u għalhekk ma jistgħax jingħad b'sikurezza li dan l-appellant xehed dak li ma hux veru.